
plexus18
Ma’ Ġesù fil-Periferiji
September
7th - 9th
MSSP Mother House
Sant’ Agatha
Rabat

## PLEXUS

Plexus hija konferenza għal dawk li jaħdmu fil-pastorali maż-żgħażagħ, speċjalment għall-youth leaders u l-youth ministers.

It-terminu 'plexus' huwa wieħed xjentifiku, li fi ftit kliem jirreferi għan-netwerk ta' vini u nervituri fil-ġisem.

Plexus hija opportunità fejn kull persuna tista' titgħallem, tiltaqa' u taħdem ma' nies oħra fl-istess pastorali. Din mhix ser tkun konferenza tipika għaliex ser naħdmu biex kull min jattendi jkun parteċipant attiv.

L-aħħar talba ta' Ġesù kienet li aħna nkunu ħaġa waħda. Bħala nies involuti f'dan il-pastorali hemm bżonn nifhmu li ma nistawx naħdmu weħidna iżda huwa importanti li naqsmu dan il-vjaġġ u din il-missjoni flimkien.




## 2018

Ma' Ġesù fil-Periferiji.

Sa mill-bidu tal-pontifikat tiegħu, il-Papa Franġisku beda jħeġġeġ lill-Knisja biex tmur twassal l-Aħbar it-Tajba fil-periferiji kollha tas-soċjetà. Ġesù diġà jinsab hemm. Iżda aħna kif ser immorru?

Din is-sena waqt Plexus ser naħdmu fuq żewġ binarji: l-ewwel permezz ta' erba' diskorsi ewlenin minn diversi kelliema u t-tieni permezz ta' workshops biex flimkien noħorġu bi proposti konkreti ta' kif verament ser immorru ma' Ġesù fil-periferiji.

Apparti dan kollu ser ikun hemm ukoll spazju ta' riflessjoni u talb, spazju biex nitħaddtu fuq is-Sinodu taż-Żgħażagħ u anke biex inkunu flimkien f'ambjent informali.



**Mons. Frans Abdilla**

Ħadem ħafna maż-żgħażagħ u x-xewqa tiegħu hi li jerġa' jkun f'nofshom.

## Kelliema



**Emma Lanzon**

"Iż-żgħażagħ għandhom l-għatx għall-ġustizzja, għall-ferħ, għat-tjubija, għall-avventura, u għall-imħabba, anke forsi meta huma stess ma jagħrfux dak l-għatx."



**Fr Charlie Said SDB**

Salesjan li għandu għal qalbu l-ħidma maż-żgħażagħ, speċjalment dawk fil-periferija.

# Prinċipali



**Sr Rachel Camilleri OSA**

Soru b'passjoni kbira biex twassal lil Kristu għand iż-żgħażagħ. Tagħmel dan b'mod speċjali permezz tal-isports.

## Il-Ġimgħa 7 ta' Settembru

| | |
|---|---|
| 7:00pm | Reġistrazzjoni |
| 7:30pm | Introduzzjoni + Talb |
| 8:30pm | Xhieda |
| 8:45pm | Keynote 1 - Emma Lanzon |
| 9:30pm | Nibnu Viżjoni Flimkien |

## Is-Sibt 8 ta' Settembru

| | |
|---|---|
| 9:00am | Introduzzjoni + Talb |
| 9:45am | Xhieda |
| 10:00am | Keynote 2 - Mons. Frans Abdilla |
| 10:45am | Break |
| 11:15am | Nibnu Viżjoni Flimkien |
| 12:30pm | Quddiesa |
| 1:00pm | Ikel |
| 2:30pm | Fellowship |
| 3:00pm | Talb + Xhieda |
| 3:30pm | Keynote 3 - Fr Charlie Said SDB |
| 4:15pm | Break |
| 4:30pm | Nibnu Viżjoni Flimkien |
| 6:00pm | Let's talk about... |


Il-Ħadd 8 ta' Settembru
9:00am Introduzzjoni + Talb
9:30am Xhieda
9:45am Keynote 4 - Sr Rachel Camilleri OSA
10:30am Nibnu Viżjoni Flimkien
12:15pm Quddiesa



## LET'S TALK ABOUT...

F'dawn il-workshops ser nesploraw u niddiskutu temi li huma rilevanti fil-ħidma pastorali maż-żgħażagħ bħall-mużika, is-sess u t-talb.

L-għan huwa li niskopru kif nistgħu nużaw din l-għodda bl-aħjar mod possibbli għall-mixja maż-żgħażagħ.


mcyn
mcyn



## PLEXUS 2017

“Għalija l-esperjenza ta’ Plexus għenitni nkompli nsaħħaħ il-kuntatti fi ħdan il-Knisja, niltaqa’ ma’ persuni li għaddejjin mill-istess mixja bħali, u wkoll li nsemma’ leħni.”

**Kurt Borg**

“A very enriching experience: a fresh opportunity to be blessed by the Lord and each other.”

**Michael Vella**

“Għadni impressjonat kemm hawn leaders li jħobbu u għandhom għal qalbhom iż-żgħażagħ u lesti jaħdmu għalihom biex iwasslu fi qlubhom it-tagħlim Nisrani.”

**Charlton Zammit**

Applika online fuq **mcyn.org** jew imla l-formula ta' hawn taħt u ibgħatha bil-posta lil: '**mcyn**, Arċidjoċesi ta' Malta, PO Box 1, Il-Furjana'. Il-konferenza hi **mingħajr ħlas** iżda r-reġistrazzjoni hi neċessarja minħabba limitazzjoni ta' postijiet.

**Isem**

**Kunjom**

**Età**

**Email**

**Numru tal-mobile**

**Isem tal-grupp/għaqda**

Darba fix-xahar l-**mcyn** tibgħat newsletter b'informazzjoni, riżorsi, videos, avviżi eċċ. Tixtieq tirċievi n-newsletter b'email?

**Iva** **Le**
agħmel ċirku

Apparti minn hekk, l-**mcyn** tista' tkun qiegħda tagħmel kuntatt miegħek permezz tad-dettalji mniżżla hawn fuq biex tinfurmak dwar attivitajiet jew twassal xi avviżi urġenti. Tagħti kunsens lill-**mcyn** biex tagħmel dan?

**Iva** **Le**
agħmel ċirku

Id-dettalji mniżżla hawn fuq ser jinżammu u jintużaw biss mill-**mcyn**. Għandek dritt li jkollok aċċess għal din l-informazzjoni u tkun tista' tirratifikaha meta trid.

Waqt din l-attività ser jittieħdu filmati u ritratti li ser jinżammu u jiġu użati biss mill-**mcyn** u mill-Arċidjoċesi ta' Malta. F'każ li ma tixtieqx tidher, int ġentilment mitlub tavża minn qabel lill-**mcyn** fuq **youths@maltadiocese.org**.

www.**mcyn**.org
Malta Catholic Youth Network
youths@maltadiocese.org
+356 25906 505/512

**Malta Catholic Youth Network**
L-Arċidjoċesi ta' Malta,
Il-Kurja tal-Arċisqof,
Pjazza San Kalċidonju,
Il-Furjana.

**Post tal-Konferenza**
MSSP Mother House
Triq Emmanuele Vitale
Rabat (Malta).

plexus18